**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA' (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Rikors Numru 11/2016SG**

**Peter Borg (I.D. 117164M), Tanya Fenech (I.D. 41267M),**
**Maria sive Mary Rose Borg (I.D. 703034M), Martin Aquilina (I.D. 530554M),**
**Mark Aquilina (I.D. 940548M), Eileen Pagnoud (I.D. 250352M),**
**Christine Aquilina (I.D. 643759M), David Aquilina (I.D. 757150M),**
**Anthony Edgar Aquilina (I.D. 12350M),**
**Edgar Anthony Aquilina (I.D. 363251M),**
**Erminia sive Mimi Borg Testaferrata (I.D. 16353M),**
**Joseph Fredrick Aquilina (I.D. 311267M),**
**Emma Maria Fenech (I.D. 228471M), Helena Enriquez (I.D. 465272M),**
**Julia Aquilina (I.D. 441675M), Anne Claire Anastasi (I.D. 837052M),**
**it-Tabib Dottor Denis Azzopardi (I.D. 694351M) u**
**Maria sive Marina Azzopardi (I.D. 457757M)**

**vs**

**Joseph Borg**

**Illum 13 ta' Frar 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors ippreżentatat fit-8 ta' Novembru 2016, li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *"Illi l-esponenti huma s-sidien tar-raba' magħruf bħala 'Tal-Kappellier' limiti ta' Birkirkara (aktar l-isfel 'ir-Raba'); liema Raba' huwa delinejat bil-kulur isfar fuq il-pjanta li qiegħda tiġi annessa ma dan ir-rikors bħala Dok A.*

*Illi ir-Raba' jinsab f'idejn l-intimat b'titolu ta' qbiela; liema qbiela hija ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) fis-sena pagabbli kull sena b'lura fil-ħmistax (15) ta' Awwissu, prossima skadenza għalhekk ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017).*

*Illi matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-intimat, li hu marbut li jsewwi u jżomm fi stat tajjeb il-ħitan tar-Raba', naqas li jwettaq dan l-obbligu jew abitwalment naqas li jħares il-kondizzjonijiet l-oħra tal-kirja.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitobu bir-rispett kollu illi dan ir-Rispettabbli Bord jogħġbu jawtorizzhom jirriprendu pussess tar-Raba fuq imsemmi u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat għal dan l-iskop.*

*Bl-ispejjeż."*

Ra r-risposta ppreżentata fit-28 ta' Novembru 2016, fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

*"Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta mill-Bord fl-intier tagħha għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti kollha għandhom jipprovaw it-titolu li qed jgħidu li għandhom;*
2. *Illi huwa għal kollox inveritier li l-intimat naqas milli jżomm fi stat tajjeb il-ħitan tar-raba', u dan billi inter alia l-istat li jinsab fih il-ħitan huwa l-istat oriġinali li l-esponent irċieva mingħand ir-rikorrenti jew il-predeċessuri tagħhom u kif dejjem jiftakar li kien;*
3. *Illi fi kwalunkwe każ, jekk tista' tirriżulta xi ħsara fil-ħitan tas-sejjieħ din ma seħħietx ħtija tal-esponent iżda kawża ta' forzi maġġuri lil hinn mill-kontroll tiegħu u cioe' l-esponent la kkaġuna u lanqas ippermetta li ssir tali ħsara;*

4. *Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti obbligati jippruvaw in-ness ta' kawżalita' bejn il-fatt tal-allegat ħsara u l-att jew ommissjoni imputabbli lill-esponent;*
5. *Illi kuntrarju għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-esponent ġenwinament jinqeda bil-ħaġa mikrija u jaħdem ir-raba' bħala missier tajjeb tal-familja, u għandu kull interess li l-istat tar-raba' jinżamm fi stat tajjeb kif hu u l-familjari tiegħu ilhom jagħmlu miż-żmien ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija;*
6. *Illi wkoll huwa inveritier illi l-intimat naqas milli jħares xi kondizzjonijiet oħra tal-kirja, u r-rikorrenti għandhom ikunu speċifiċi dwar dan;*
7. *Illi r-raba' msemmija hija attivament maħdum mil-esponent u oltre minn hekk ssir manutenzjoni regolari tal-istess;*
8. *Illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti jridu jipprovaw illi minn dak kollu minnhom allegat, irreka lilhom xi preġudizzju jew ħsara li setgħu sofru jew qed isofru;*
9. *Illi dawn il-proċeduri ġew intavolati b'motiv ewlieni li r-rikorrenti jagħmlu pressjoni fuq l-esponent sabiex jiżgombra mir-raba' inkwistjoni għal skop ta' spekulazzjoni.*

*Illi dan kollu jiġi ppruvat aħjar fil-kors ta' din il-kawża.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma inġunti in subizzjoni."*

Ra li din il-kawża ġiet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Ra l-provi kollha prodotti;

Ra d-dokumenti preżentati;

Ra r-rapport tal-Esperti Membri Tekniċi tal-Bord maħtura permezz ta' digriet tat-30 ta' Novembru 2016;

Ra r-rapport tal-Perit ex parte David Mifsud Parker, a folio 117 – 121 tal-proċess;

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Xhieda prodotta**

**Peter Borg** xehed nhar is-17 ta' Jannar 2018, fejn ikkonferma l-arblu tar-razza tal-familja Borg ippreżentat minnu, iżda spjega li l-arblu tar-razza tal-familja Aquilina, kien sar fuq informazzjoni mill-familja Aquilina.

**Peter Borg,** u ċioè wieħed mis-sidien tal-art in kwistjoni, xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit, fejn spjega li huwa wieħed mis-sidien tal-għalqa mertu ta' dan ir-rikors, liema għalqa kienet inxtrat min-nannu tiegħu Giuseppe Borg u minn Antonio Aquilina, permezz ta' kuntratt ippubblikat min Nutar Joseph Gatt, tat-13 ta' Novembru 1946. Xehed li huwa kien preżenti għall-aċċess miżmum mill-membri tekniċi tal-Bord, u eżebixxa għadd ta' ritratti li juru ħitan imwaqqgħin u li tħallew jiġġarfu matul is-snin.

Ix-xhud xehed in kontroeżami nhar it-30 ta' Jannar 2020, fejn ikkonferma li huwa wieħed mis-sidien tal-art in kwistjoni, li tikkonsisti f'diversi għelieqi, u li ġew għand il-familja tagħhom b'wirt. Spjega li għal snin twal, l-art kienet bi qbiela lis-sur Joseph Borg, u li hu personalment, qatt ma kien ħadem xi biċċa mill-art, iżda kemm-il darba mar fuq r-raba' in kwistjoni biex jiġbor il-qbiela. Peter Borg spjega li hu kien ippreżenta fl-atti, ritratti ta' ħitan fejn fl-opinjoni tiegħu, kien hemm xi ħsarat, liema ħitan kienu kemm diviżorji, kif ukoll interni. Mistoqsi jekk huwa qatx talab lil Joseph Borg biex jirranġa l-ħitan interni, huwa rrisponda fin-negattiv, u kompla li lanqas qatt ma kkommunika mas-sidien tal-artijiet agjaċenti, biex jirranġaw il-ħitan diviżorji. Huwa tenna jgħid li l-

istrutturi li kien hemm fuq l-art in kwistjoni, kien hemm minnhom f'qagħda tajba u kien hemm oħrajn f'qagħda assolutament mhux tajba. Zied jgħid li dakinhar tal-aċċcess, hu nnota li l-uċuh tar-raba', mhux kollu kien miżrugħ u kien hemm biċċiet mitluqin.

Nhar is-7 ta' Marzu 2018, **Martin Aquilina** xehed u kkonferma l-arblu tar-razza ppreżentat tal-familja Aquilina u spjega li l-art in kwistjoni, kienet inxtrat nhar it-13 ta' Novembru 1946, mingħand in-nanniet tiegħu. Xehed li l-art in kwistjoni kienu jirċievu kirja tagħha mingħand is-sur Joseph Borg, u l-aħħar kirja li rċivew kienet xi ħames jew sitt snin ilu, iżda wara ma komplewx jaċċettaw il-kirja, minħabba ma kienux qed jaqblu fuq il-kitba fil-ktieb tal-kera, liema nuqqas ta' qbil kien jirrigwarda l-isem ta' min qed jikri.

**Martin Aquilina** xehed permezz tal-affidavit, fejn hu spjega li huwa wieħed mis-sidien tal-għalqa mertu tar-rikors, u kkonferma l-kontenut tar-rikors promotur. Xehed li l-għalqa kienet inxtrat min-nannu tiegħu Giuesppe Borg u minn Antonio Aquilina, permezz ta' kuntratt ippubblikat min Nutar Joseph Gatt tat-13 ta' Novembru 1946. Kompla jgħid li fis-7 ta' Ottubru 2014, huwa inkariga lil Victor Mercieca sabiex jieħu numru ta' ritratti mill-ajru tal-għalqa u għadda biex eżebixxa numru ta' ritratti, filwaqt li ddikjara li jirriżulta b'mod ċar mir-ritratti, li l-ħitan tas-sejjieħ huma mġarrfa. Spjega li huwa reġa' nkariga lill-istess Victor Mercieca fl-1 ta' Diċembru 2016, biex jieħu sett ritratti oħra, li jkomplu jikkonfermaw li l-ħitan tas-sejjieħ komplew jaqgħu.

Martin Aquilina xehed in kontroeżami nhar it-30 ta' Jannar 2020, fejn spjega li hu kien qabbad lil Victor Mercieca biex jieħu ritratti bi *drone* tal-artijiet tagħhom, u li minn dawn ir-ritratti kien jirriżulta li kien hemm xi ħsarat fil-ħitan. Kompla jgħid li huma qatt ma għamlu kuntatt, la mal-inkwilin Joseph Borg, biex jirranġa l-ħitan, u lanqas mas-sidien tal-għelieqi aġjaċenti, u li hu flimkien ma' Peter Borg kienu jmorru jiġbru l-qbiela personalment, u meta kienu jmorru kienu jagħtu titwila. Żied jgħid li kien hemm kamra li Joseph Borg kien għalaqha bil-ġebel, għax kienu qed jinsterqulu xi għodda minn ġo fiha, u li l-intimat Joseph Borg jaħdem parti żgħira biss mil-art li għandu bi qbiela, u fil-biċċa maħduma, il-ħitan kienu mhux fi stat daqshekk ħażin.

**Joseph Borg** xehed nhar l-20 ta' Ġunju 2018, fejn spjega li missieru kien jismu Emanuel Borg, u fuq l-irċevuti ġieli kien hemm isem missieru, jew ġieli kien hemm ismu stess imniżżel bħala Giuseppe Borg. L-intimat Joseph Borg iddikjara li huma dejjem ħallsu l-kera lil missier Peter Borg, li kien jismu Victor Borg, u li l-kirja ġieli ħallasha hu u ġieli ħallasha missieru.

Joseph Borg ippreżenta affidavit, fejn spjega li hu ilu jaħdem l-għalqa in kwistjoni minn żmien missieru. Xehed li fil-bidu, il-qbiela kienet fuq missieru, iżda mil-1985 kien dawwarha fuqu bi qbiel mas-sid, is-Sur Victor Borg. Spjega li l-irċevuti tal-2006 u 2007 kienu nħarġu fuq ismu u isem missieru, iżda mil-2008 kienu bdew jinħarġu fuqu (Joseph Borg) biss, u kompla jispjega li fl-2011 jew 2012, is-sidien il-ġodda talbuh biex jerġa' jaqleb il-qbiela fuq missieru, iżda missieru kien ilu mejjet xi erba' snin. L-intimat xehed li kemm hu, kif ukoll missieru, kellhom relazzjoni tajba mas-Sur Victor Borg, u qal ukoll li huma dejjem kienu jaħdmu l-art kważi kollha, ħlief in-naħa t'isfel, fejn il-ħamrija hi skarsa u hemm il-blat fil-wiċċ. Joseph Borg semma wkoll kif hu jaf l-istorja kollha ta' dawn l-għelieqi, bħal minn fejn ġiet il-ħamrija, il-ħsara li saret fuq il-ħitan u l-kmamar tal-inħawi minħabba bombi fil-gwerra, u min ħadem il-ħitan tas-sejjieħ. Joseph Borg qal li missieru kien ħa l-għelieqi wara l-gwerra u kien irranġa l-ħitan hu, għalkemm is-Sur Victor Borg kien wegħdu l-għajnuna biex jerġgħu jinbnew il-ħitan. Kompla jgħid li hu dejjem ħa ħsieb il-manutenzjoni tal-ħitan, u li fl-opinjoni tiegħu, impossibli li jkollok il-ħitan kollha fi stat perfett dejjem, minħabba l-elementi ta' xita u riħ. Kompla jghid li l-atturi tal-kawża, qatt ma qalulu xejn dwar il-ħitan, u li fir-rigward tal-kamra ta' mat-triq, hu kien imbarraha għax kienet mira ta' atti vandali, però xorta kien jieħu ħsieb il-manutenzjoni tas-saqaf tagħha.

**Brian Borg**, iben l-intimat, xehed nhar it-28 ta' Jannar 2021, fejn spjega li hu dejjem jiftakar lil missier Joseph Borg, imur fl-art in kwistjoni ta' kuljum, biex jaħdimha u jirranġa xi ħitan jew kmamar li kienu fiha. Xehed li minn meta saret it-triq, il-Kunsill kien jieħu ħsieb jirranġa l-ħajt tas-sejjieħ ta' mat-triq, u li missieru kien mar xi tliet (3) darbiet għand il-Kunsill biex jinfurmahom dwar xi ħsarat. Kompla jgħid li missieru għamel ħafna xogholijiet ta'manutenzjoni

fl-għalqa, kemm fil-kmamar, kif ukoll fil-ħitan, u li missieru, l-intimat, għadu jaħdem l-għalqa kollha sal-lum.

**Godwin Borg,** iben l-intimat, xehed nhar it-3 ta' Marzu 2021, li minn mindu kellu tliet snin, kien jitla' l-għalqa ma' missieru, u li sal-lum għadu jmur xi darbtejn fil-ġimgħa jgħin lil missieru. Huwa stqarr li minħabba l-elementi, il-manutenzjoni fuq il-ħitan tas-sejjieħ kienet kontinwa, u li s-soqfa tal-kmamar kienu jaħilbuhom kull meta kien hemm bżonn, liema manutenzjoni kienet ġeneralment issir fix-xhur sajfin. Rigward il-kamra imbarrata, Godwin qal li fl-opinjoni tiegħu, is-saqaf b'saħħtu, u li kienet ġiet imbarrata għax kienet mira ta' atti vandali u serq. Godwin Borg stqarr li l-ħitan interni kienu jieħdu ħsiebhom huma, iżda dawk periferali ma' sidien terzi, kienu jkellmu l-bidwi u jistennew ir-risposta mingħand dawn is-sidien terzi, biex jibda jsir xi xogħol.

Xehed **Adrian Balzan**, proprjetarju ta' fond li jinsab faċċcata tal-art in kwistjoni, u xehed li hu kważi kuljum jara lill-intimat l-għalqa, u li fil-ħarifa, dejjem jarah mgħobbi bl-għodda tax-xogħol. Iddikjara li l-intimat kien qallu li ma jistax iżomm għodda l-għalqa, speċjalment fil-kamra ta' mat-triq, għax kollox kien jinsteraq, u kien għalhekk li l-intimat kien imbarraha, għax ġieli anke kien sab siringi fiha. Żied jgħid li l-intimat kien jaħdem ir-raba' kollu fil-Ħarifa, u fis-Sajf kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-ħitan, u għalhekk kien sorpriż meta sema' li s-sidien riedu jieħdu l-art lura minħabba nuqqas ta' manutenzjoni.

**Peter Borg,** u ċioè ħu l-intimat, ippreżenta affidavit fejn spjega li hu għamel snin jgħin lil ħuh fix-xogħol fuq l-għalqa magħrufa bħala "tal-Kappellier". Xehed li x-xogħol kien jikkonsisti wkoll f'bini ta' ħitan tas-sejjieħ kull meta kien hemm bżonn, speċjalment fix-Xitwa.

**Ikkunsidra:**

**Rapport tal-Membri Teknici**

Illi l-Membri Tekniċi tal-Bord preżentaw r-rapport tagħhom, fejn spjegaw li:

*Din l-art tikkonsisti fi sbatax il-ħabel raba mdaqqsa. Seba' minn dawn il-ħbula jinħaddmu sew, erba' mizrugħa qamħ (ritratti 15 – 20) filwaqt li t-tlieta l-oħra jitkabbru l-ħxejjex bħal patata, brokkli, pastard u basal (ritratti 21, 13). F'dan ir-raba jinsabu wkoll diversi siġar bħal ħarrub, bajtar tax-xewk, naspli, banana, tin, lewx, frott irqiq u xi dwieli tal-għeneb (vide diversi ritratti).*

*...*

*L-esponenti nnutaw waqt l-aċċess, illi numru ta' ħbula (għaxra), ma' jinħadmux u huma kollha haxix hazin, dawn jinsabu mmarkati bl-ahmar fuq il-pjanta AP1 mehmuza. Skond l-intimat Joseph Borg, dawn il-hbula ma jinħadmux għaliex il-ħamrija hija baxxa (vide ritratti 21, 41, 34, 36, 37).*

*Is-sottoffirmati nnutaw illi il-habel immarkat 'E' fuq il-pjanta mehmuza fih hafna blat fil-wicc.*

*Fid-daħla għal dan ir-raba, immarkat 'A' fuq il-pjanta AP1 mehmuża, hemm razzett li jinsab magħluq, b'ġardina zgħira miegħu fuq wara, li tinsab abbandunata. Dan ir-razzett huwa msaqqaf fuq hitan tal-franka fuq 19-il filata u allavolja l-esponenti ma setgħux jidħlu ġewwa peress illi il-bieb tar-remissa illi tinsab mat-triq kien imbarrat bil-ġebel u l-injam, kien hemm spazju biżżejjed sabiex wieħed jara is-saqaf ta' din il-kamra imdaqqsa fejn l-istruttura kienet qiegħda tiddeterjora minħabba il-fatt illi ilu jidhol ilma mill-bejt għal tul taż-żmien (vide ritratti 2, 7, 8).*

*Ir-razzett huwa bażikament zewġt ikmamar illi jagħtu wkoll għall-ġardina ma' ġenb l-isqaq fir-raba stess. F'din il-ġardina hemm ħafna ħaxix ħażin. Il-ħajt tar-razzett illi jhares lejn ir-raba jinsab fi stat avvanzat ta' deterjorazzjoni.*

*Hemm kamra fl-ewwel ħabel raba ta' fuq, immarkat 'B' fuq il-pjanta AP1 illi hija msaqqfa fuq madwar għoxrin filata, (vide ritratti 5, 6, 19) u li għandha konsenturi twal ma' ħajt wieħed u fili miftuħin fejn hemm ukoll ħajt tas-sejjiegh imwaqqa'.*

*Hemm ukoll kamra oħra, b'maqjel antik għall-annimali u mhux użat, immarkat 'D' fuq il-pjanta mehmuza. L-istruttura hawnhekk hija fi stat hazin, fejn hemm xorok neqsin fis-saqaf u wkoll travu sekondarju sabiex jerġa' kileb illi huma maqsuma. Il-ħitan kollha u s-soqfa huma mitluqa ħafna u kompletament esposti għal deterjorazzjoni ulterjuri (vide ritratti 25, 26, 28, 32, 33, 42, 43).*

*Ħafna mill-ħitan tas-sejjiegħ huma fi stat ħazin u mwaqqgħin. Hemm diversi metri ta' ħitan tas-sejjiegħ fejn tkun waqgħet posta cioe' parti mill-kostruzzjoni tal-ħajt b'forma ta' V illi ma tkunx marbuta mal-kumplament tal-ħajt appositament sabiex ma jaqax il-hajt kollu (vide 10, 14, 15, 16).*

*Ħafna mill-partijiet għoljin mill-ħitan tas-sejjiegħ huma appoġġi ma' proprjeta' ta' terzi persuni. Hawn ukoll hemm partijiet fejn waqgħet posta (vide 41).»*

Il-Bord ra wkoll id-domandi u risposta in eskussjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat eċċepixxa li r-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu li huma għandhom fuq ir-raba' in kwistjoni.

Il-Bord ra l-arblu tar-razza, a folio 43 – 44 tal-proċess, kif ukoll il-kuntratt t'akkwist tat-13 ta' Novembru, 1946, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, a folio 50 – 60 tal-proċess, permezz ta' liema Antonio Aquilna u Giuseppe Borg akkwistaw fis-sehem ta' nofs indiviż kull wieħed, l-għalqa fil-limiti ta' Birkirkara, imlaqqqma 'Tal-Cappellier' tal-kejl ta' 19-il tomna u 3 kejliet.

Il-Bord ra wkoll l-irċevuti tal-qbiela a folio 62 – 70 tal-proċess, li juru li l-qbiela kienu qegħdin jiġu riċevuti minn iben Giuseppe Borg, u mħallsa mingħand Giuseppi Borg fl-2005, filwaqt li ġew imħallsa mill-intimat Emanuel Borg, mill-31 ta' Awwissu 2006, 'il quddiem.

Ghalkemm, ma gewx ipprezentati ċertifikati tal-mewt u riċerki testamentarji u testmenti ta' Antonio Aquilina u Giuseppe Borg, minn dak li gie prodott, jirrizulta ai fini ta' din il-kawza u t-talbiet taghha li gie ppruvat it-titlu tar-rikorrenti versu r-raba' in kwistjoni.

**Ikkunsidra:**

Qabel ma' dan il-Bord jidħol f'eżami tal-mertu ta' din il-kawża, ser issir referenza għall-ġurisprudenza applikabbli għal fattispeċie ta' dan il-każ.

**Ġurisprudenza**

Illi permezz ta' dan ir-Rikors, ir-rikorrenti qed jitolbu t-terminazzjoni tal-kirja tal-art indikata fl-istess Rikors, u r-ripreża tagħha, għar-raġuni illi matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-intimat li hu marbut li jsewwi u jżomm fi stat tajjeb il-ħitan tar-raba', naqas li jwettaq dan l-obbligu, jew abitwalment naqas li jħares il-kondizzjonijiet l-oħra tal-kirja.

L-artikolu 4(2) (f) tal-Kap.199 jistipola li l-Bord għandhu jilqa' rikors ta' sid il-kera, jekk sid il-kera jipprova li:

> *(f) matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrej, li jkun marbut li jsewwi u jżomm fi stat tajjeb il-ħitan tar-raba', naqas li jwettaq dak l-obbligu jew abitwalment naqas li jħares xi kondizzjoni oħra tal-kirja jew deliberatament jew bi traskuraġni kkaġuna jew ħalla li tiġi*

*kaġunata ħsara, ħlief ħsara ta' importanza żgħira, f'xi siġar tal-frott fir-raba'."*

Illi kif inhu stabbilit fil-ġurisprudenza, ħsara fil-ħitan li jdawru r-raba' imqabbla, tintitola lis-sid li jitlob it-terminazzjoni tal-kirja u r-ripreża tagħha. Infatti ġie ribadit li *"l-liġi hi severa ma' min jittraskura l-obbligu li jżomm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-ħitan tar-raba' għax hi konxja mill-importanza tagħhom għal-preservazzjoni tal-ħamrija, u bħala lqugħ għall-elementi. Timponi għal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima tal-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta' dan l-obbligu."* (Carmelo Aquilina vs Tereza Magro: 25.06.1996 iċċitata f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża: Joseph Zerafa vs Toni Casha: 10.05.2006).

U kif ikkonfermat il-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet, Salvina Mercieca et vs Margaret Attard, deċiża fil-15 ta' Ġunju 2011,: *"Jidher ċar li ma hemmx bżonn ta' ftehim espress sabiex l-inkwilin jieħu ħsieb tal-istess ħitan tar-raba…"*.

Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza Tagħha tal-5 ta' April, 2013, fl-ismijiet, Francis Zammit Haber et vs Joseph Calleja, spjegat li :

> *"Hsara fil-hitan tas-sejjieh hi wahda mir-ragunijiet li tintola lis-sid sabiex jitlob il-permess tal-Bord biex ma jġeddidx il-kirja (Joseph Zerafa vs Toni Casha deċiż fl-10 ta' Mejju 2006 u Salvina Mercieca et vs Margaret Attard deċiża fil-15 ta' Ġunju 2011 mill-Qorti tal-Appell). (Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-każ Vivien Cassar Desain et vs Carmel Vella deċiża fil-15 ta' Lulju 2009 fejn il-qorti osservat ukoll li "....din il-Qorti thoss li la darba il-hitan tas-sejjiegħ huma parti mir-raba' mqabbla l-obbligu ta' manutenzjoni hu li l-kerrej jieħu ħsieb il-ħaga bhala bonus pater familias tapplika kemm għall-istess raba' u kemm għall-ħitan ta' l-istess."). F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza għas-sentenza ta' din il-qorti fil-kawza Louis Mifsud vs Maria Aquilina et deċiża fid-19 ta' Ottubru 2011 li wkoll kien każ li wassal għall-iżgumbrament tal-inkwilin minħabba li ma hax ħsieb il-ħitan. Hu stabbilit ukoll li għal dan l-obbligu m'hemmx ħtieġa ta' xi ftehim espress bejn is-sid u l-inkwilin. Billi għalhekk ġie konfermat li l-intimat naqas mid-dover tiegħu li jieħu ħsieb tal-ħitan li jdawru r-raba' mqabbla*

*għandu, u rriżulta li kien ilu żmien ma jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fihom, hemm raġuni biżżżejjed għaliex għandha tintlaqa' t-talba ta-rikorrenti a bażi ta' l-artikolu 4(2) (f) tal-Kap.199 hawn fuq ċitat."*

Il-Bord jagħmel referenza wkoll għal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Lulju 2009, fl-ismijiet, Vivien armla tal-Markiz Anthony Cassar Desain et vs Carmel Vella, li rriproduċiet u kkonfermat dak li qal il-Bord fis-sentenza tiegħu, filwaqt li żiedet ma' dak li ntqal:

*" F'dan il-kuntest il-principji li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi huma li:-*

*· Il-kerrej ghandu obbligu li jinqeda bil-haga mikrija u jahdem ir-raba' bhala missier tajjeb talfamilja (Art. 1554 u 1555 tal-Kodici Civili) u m'ghandux jinqeda biha b'mod li jista' jgib hsara lil sid il-kera;*

*· Iwiegeb ukoll ghal "…tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu." (Artikolu 1561 tal-Kodici Civili);*

*· Il-kerrej ghandu l-obbligu li f'gheluq il-kirja jirritorna l-haga mikrija fi stat tajjeb;*

*· L-obbligazzjoni li ghandu l-kerrej li jirritorna lura l-haga fi stat tajjeb, hemm ukoll l-obbligu li "….li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha salkunsinna." (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).*

*· "Il-ligi hi severa ma min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghallpreservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall-elementi. Timponi ghal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima ta' l-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta' dan l-obbligu" (Carmela Aquilina vs Tereza Magro deciza fil-25 ta' Gunju 1996) Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza Joseph Zerafa vs Toni Casha deciza fl-10 ta' Mejju 2006.....*

*... It-tieni motiv ta' aggravju avvanzat jolqot il-mertu talkawzali tal-hsarat u tal-ksur tal- kondizzjonijiet li dwarha lBord dehrlu, fuq il-fatti valutati, li kienu jezistu lpresupposti tal-vjolazzjoni tad-dixxiplina normattiva fittermini ta' l-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kapitolu 199. Proprju,'dan l-artikolu l-ligi tiprospetta diversi cirkostanzi ta' inadempiment da parti ta' l-affittwarju li kull wahda minnhom kapaci twassal biex is-sid jirrifjuta li jgedded ilqbiela u jinsisti ghall-isfratt tal-gabillott mir-raba'. Skond ilfehma tal-Qorti, l-ipotesijiet ta' inadempiment prevvisti mid-disposizzjoni ma jridux ikunu ta' importanza skarsa.*

*Naturalment, il-gravita ta' l-inadempiment tiddependi minn apprezzament tal-fattispeci singolari ta' kull kaz partikolari in kwantu mhux possibbli li wiehed ifassal gwidi generali li jghoddu indistintement ghal kazijiet kollha;*

*Issa ma jistax ikun negat illi fost l-obbligi generali imposti mill-Kodici Civili fuq l-affittwarju hu kompriz, anke bhala konsegwenza naturali tat-tehid in lokazzjoni tar-raba', lobbligu li jikkostudixxi kif jixraq il-haga mikrija, ossija, filkaz ta' raba', li jaghmel dik l-attivita` necessarja ghallahjar manutenzjoni tar-raba', sew redditizja bid-debita kultivazzjoni, sew fl-istruttura shiha taghha, kompriz lintegrita` tal-hitan li jiccirkondawha;*

*Fuq din l-ahhar osservazzjoni hi t-tezi ta' l-appellanti illi hu ma kienx responsabbli mit-tiswija tal-hitan ghaliex ilkuntratt originarju ta' l-affitt ma kienx jahseb espressament ghal kondizzjoni konsimili, u la dan kien hekk, l-inkombenza ta' dik it-tiswija kienet fuq sid ir-raba'.*

*Wiehed jifhem illi din it-tezi qed tigi propunjata biex tinnewtralizza jew tpaci dik l-inkombenza l-ohra dettata mill-Kodici Civili fl-Artikolu 1561 illi trid li "l-kerrej iwiegeb ghat-tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu". Kif taraha din il-Qorti, ankorke dan huwa hekk, il-kerrej, li wkoll b'obbligu kien tenut juza u jikkonserva l-haga uti bonus paterfamilias, ma jistax javvalla ruhu mill-eccezzjoni inademplenti non est ademplendum biex jiggustifika n-nuqqas tieghu ta' dan listess obbligu. Multo magis, imbaghad, fejn hu jkun baqa' passiv u ma jkunx ezercita ruhu*

*biex igieghel lil sid ir-raba' biex dan jezegwixxi r-riparazzjonijiet ta' certa entita` hu, u a spejjez tieghu. Dritt dan koncess lilu minn disposizzjonijiet varji taht il-Kodici Civili. Ara Artikoli 1541 u 1543, fost ohrajn."*

Il-Bord fela l-atti kollha, u mill-provi miġbura, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Membri Tekniċi tiegħu, jirriżulta li l-partijiet tar-raba' li ma jinħadmux mill-intimat, huma l-partijiet fejn il-ħamrija hija baxxa, u għalhekk huwa ġġustifikat milli ma jaħdimx tali ħbula. In oltre, il-Bord huwa konvint ukoll illi l-ħbula li jinħadmu, l-intimat jagħmel użu tajjeb tagħhom, tant li jaħdimom sew. Madanakollu, il-Bord huwa konvint ukoll, illi l-intimat naqas milli jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni fil-ħitan tas-sejjieħ, bir-riżultat li kien hemm diversi ħsarat u selħiet fl-istess ħitan.

In oltre, ġie wkoll ippruvat li l-intimat naqas milli jieħu ħsieb il-kmamar, tant li s-saqaf tar-razzett tħalla jiddeterjora minħabba l-fatt, illi ilu jidħol ilma mill-bejt għal tul taż-żmien. Barra minnhekk, il-ġardina li tinsab maġenb ir-razzett hija abbandunata, tant li hemm ħafna ħaxix ħazin; filwaqt li l-ħajt tar-razzett li jħares lejn ir-raba', jinsab fi stat avvanzat ta' deterjorazzjoni. Irrizulta wkoll li l-kamra fl-ewwel ħabel raba', għandha konsenturi twal ma' ħajt wieħed u fili miftuħin, fejn hemm ukoll ħajt tas-sejjieħ imwaqqa'; u l-istruttura ta' kamra oħra b'maqjel antik għall-annimali, tinsab fi stat ħazin, bix-xorok neqsin fis-saqaf. Irrizulta wkoll li s-soqfa huma mitluqa ħafna u kompletament esposti għal deterjorazzjoni ulterjuri. Ulterjorament, irriżulta li ħafna mill-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat ħażin u mwaqqgħin.

Per konsegwenza, minn dak li rriżulta mill-provi li tressqu, kif ukoll minn dak ikkonstatat mill-membri teknici, il-Bord huwa sodisfatt li tressqu provi suffiċjenti, li l-intimat ma sewwiex u lanqas żamm fi stat tajjeb, il-ħitan tar-raba', kif ukoll ħalla li tiġi kkaġunata ħsara fl-ambjenti mqabbla lilu. L-estent tal-ħsara, li anke tidher minn uħud mir-ritratti eżebiti, u li jirrigwardaw dawn l-ambjenti mertu ta' din il-kawża, hija prova fiha nnifisha, li anke l-prova dwar it-terminu msemmi fl-istess subartikolu 4(2)(f) tal-Kap 199, saret.

Il-Bord sejjer għalhekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, fid-dawl ta' dak li jistipola l-artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet fuq premessi, dan il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti skont l-artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat. Għall-finijiet ta' żgumbrament, il-Bord qiegħed jiffissa terminu ta' disgħin (90) jum mil-lum. Peress li t-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa fuq il-bażi tal-artikolu 4(2)(f) tal-Kap. 199, m'hemmx lok li jiġi ffissat xi kumpens għal xi benefikati agrikoli (ara artikolu 4(4) u (5) tal-Kap. 199).**

**Spejjeż kontra l-intimat.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur